*Ċaħda ta' reponsabbiltà: Din hija traduzzjoni tax-xogħol ta' dokument ippubblikat oriġinarjament bl-Ingliż. Id-dokument oriġinali huwa disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.*

ECHA/NA/12/54

# L-aħħar aġġornament ta' REACH-IT qabel l-iskadenza tal-2013

## It-tnedija l-ġdida ta' REACH-IT fit-30 ta' Novembru 2012 tintroduċi l-paġna tal-Ko-Reġistranti, li tagħti aċċess dirett lir-reġistranti potenzjali u eżistenti għad-dettalji ta' kuntatt ta' xulxin. REACH-IT sejra titneħħa fit-28 ta' Novembru 2012 f'12:00 (EET) sabiex minflokha tiġi installata l-verżjoni l-ġdida.

**Ħelsinki, il-21 ta' Novembru 2012** –REACH-IT il-ġdida sejra tgħin kemm lir-reġistranti potenzjali kif ukoll lil dawk eżistenti sabiex jissodisfaw aħjar l-obbligi tagħhom ta' kondiviżjoni tad-dejta u ta' sottomissjoni konġunta fil-proċess ta' stħarriġ u barra minnu. Il-benefiċċju prinċipali tal-proċess ta' stħarriġ imtejjeb huwa li l-utenti ser ikunu jistgħu jiksbu aċċess għad-dettalji ta' kuntatt tar-reġistranti eżistenti direttament fi ħdan REACH-IT ladarba l-ECHA tkun aċċertat l-identità tas-sustanza. L-ECHA mhux ser tibqa' tibgħat id-dettalji ta' kuntatt f'verżjoni stampata.

Il-paġna tal-Ko-Reġistranti tipprovdi informazzjoni f'ħin reali dwar l-identità, id-dettalji ta' kuntatt ta' reġistranti oħrajn (jew tar-rappreżentant ta' partijiet terzi (TPR) innominat minnhom) u r-rwol tagħhom fi ħdan is-sottomissjoni konġunta. Minbarra dan, sejra tintwera wkoll il-lista ta' dejta mitluba matul il-proċess ta' stħarriġ jew wara aġġornament tat-tunnellaġġ.

Il-verżjoni l-ġdida tinkludi wkoll titjib żgħir ieħor li huwa mmirat biex jappoġġja l-użu tas-sistema, pereżempju aġġornament tal-iskrin tal-login b'links għal proċessi oħrajn ta' sottomissjoni tad-dossiers li sa issa għadhom mhumiex koperti minn REACH-IT.

Sabiex tiġi installata din il-verżjoni aġġornata, l-ECHA sejra tagħlaq is-sistema tas-sottomissjoni ta' REACH-IT nhar l-Erbgħa 28 ta' Novembru f'12:00 (EET). Għalhekk, l-aċċess għal REACH-IT mhux ser ikun possibbli qabel nhar il-Ġimgħa 30 ta' Novembru 2012 f'12:00, meta huwa skedat li tkun disponibbli l-verżjoni l-ġdida.

Flimkien mal-verżjoni l-ġdida ta' REACH-IT, ser jiġi ppubblikat ukoll manwal ġdid li jiddeskrivi kif għandha ssir in-navigazzjoni fuq il-paġna tal-Ko-Reġistranti. Uħud mill-manwali l-oħrajn għall-ħolqien, l-iċċekkjar u s-sottomissjoni tad-dossiers tal-IUCLID li jużaw ir-REACH-IT (jiġifieri Manwali dwar is-Sottomissjoni tad-Dejta u Manwali tal-Utenti tal-Industrija ta' REACH-IT) ġew aġġornati wkoll u sejrin ikunu disponibbli fl-istess ħin fuq is-sit elettroniku tal-ECHA.

L-industrija qiegħda tuża r-REACH-IT sabiex tissottometti d-dossiers ta' reġistrazzjoni u dossiers oħrajn lill-ECHA. Il-ħinijiet tal-ftuħ ta' din l-għodda huma mit-Tnejn fl-10:00 sal-Ġimgħa fid-21:00 (EET), ħlief fil-btajjel pubbliċi tal-ECHA.

## Aktar informazzjoni

- Ir-reġistranti li għandhom il-ħsieb li jaġġornaw it-tagħrif ta’ kuntatt tagħhom fir-REACH-IT għandhom jagħmlu dan issa, Twissija tal-aħbarijiet tas-6 ta’ Novembru 2012

  http://www.echa.europa.eu/view-article/-/journal_content/4acbbadf-423e-4685-b23d-a896189c8529

- L-ECHA tirrakkomanda lir-reġistranti biex jiċċekkjaw it-tagħrif dwar il-kumpanija tagħhom fir-REACH-IT, Twissija tal-aħbarijiet tas-17 ta’ Ottubru 2012

  http://www.echa.europa.eu/view-article/-/journal_content/ab5ae030-41ed-41d0-91d0-e4ac75468406

- REACH-IT

  https://reach-it.echa.europa.eu/

- Is-sit elettroniku tal-IUCLID

  http://iuclid.eu/

- L-aġġornamenti tal-Manwali dwar is-Sottomissjoni tad-Dejta u tal-Manwali tal-Utenti tal-Industrija ta’ REACH-IT, inkluż il-manwal il-ġdid “Il-Manwal tal-Utenti tal-Industrija ta’ REACH-IT, Parti 18 – il-paġna tal-Ko-Reġistranti”, sejrin jiġu ppubblikati fit-30 ta’ Novembru (l-aġġornamenti tal-manwali għall-ewwel ikunu disponibbli bħala verżjoni bl-Ingliż biss u mbagħad jiġu tradotti aktar tard)

  http://echa.europa.eu/support/dossier-submission-tools/reach-it